**MINUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xagħra

Id-Disa' Leġislatura

**Laqgħa Numru ~~Tnejn~~ Tlieta u Tletin (33)**

**23 ta' Lulju 2026**

Il-Kunsill Lokali Ix-Xagħra ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq It-Tiġrija. Il-laqgħa tal-kunsill bdiet fil-17.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

**Victor Curmi- Sindku**

**Dr. Christian Zammit - Kunsillier**

**Marion Rita Portelli- Kunsilliera**

**Leanne Micallef- Kunsilliera**

**Dr Francienne Muscat- Kunsilliera**

**Dr Kevin Cutajar- Kunsillier**

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**Aaron Agius – Viċi Sindku**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Heidi Grech – Segretarju Eżekuttiv

## 33.1 Talba

Intqagħlet talba tal-bidu flimkien. Is-Sindku s-Sur Victor Curmi ippresieda l-laqgħa.

## 33.2 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

Il-Viċi Sindku Aaron Agius kien assenti għal-laqgħa.

## 33.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 32 u Skeda ta' Pagamenti 7;

Il-minuti tal-Laqgħa Nru 32 kif ukoll l-Iskeda ta' pagamenti No 7 ġew iċċirkulati minn qabel mis-Segretarju Eżekuttiv u għaldaqstant ġew meqjusa bħala moqrija.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri b'talba għal emendi ppreżentata mill-Kunsilliera Dr. Francienne Muscat u Leanne Micallef. Dawn l-erba'emendi mitluba li huma hawn annessi u mmarkati bħala dokument 'A' b'numri ħomor li ġew moqrija mis-Seg. Eżekuttiv.

B'referenza għal emenda numru 1, is-Sindku Victor Curmi qal li kulħadd kien qabel li jsir playingfield ieħor fin-Nazzarenu pero' tkellimna fuq iż-żona ta' Triq l-Għejjun u wara li kien iċċekkja fuqha irriżulta li minkejja li hi tal-Lands, din iż-żona tinsab f'idejn is-sidien. Semma li din konna diġa tkellemnija f'laqgħa preċedenti u l-Kunsilliera Leanne Micallef kellha tipproponi sit alternattiv fin-Nazzarenu li sa meta ġew biex jiddeċiedu kien għadu ma wasalx. Il-Kunsilliera Leanne Micallef wieġbet li meta talbet għal aktar ħin, ġiet infurmata li ma nistgħux u s-Sindku fakkarha li tkellimnija diġà f'laqgħat preċedenti. Il-Kunsilliera Dr. Francienne Muscat qalet li l-Kunsill seta ikkummisjona Perit sabiex jiġi identifikat post alternattiv. Is-Sindku Victor Curmi stqarr li jħoss illi l-emenda kif mitluba ma hux qegħda tajjeb u biex ma jiġi interpretat xejn ħażin qed jitlob biex jinkiteb kollox b'kelma kelma x'intqal. Il-Kunsilliera Dr. Francienne Muscat talbet sabiex jinkiteb aktar informazzjoni dwar dak li jkunu qalu l-Kunsilliera. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret li l-Minuti għandhom jirriflettu d-deċiżżjonijiet u mhux transkrizzjoni. Is-Sindku Victor Curmi talab sabiex għal din id-darba ssir eċċezzjoni u għal fini ta' kjarezza, jinkiteb x'intqal minn kull Kunsillier fuq dawn il-punti.

B'referenza għal emenda numru 2 – Kien hemm qbil li ssir l-emenda mitluba. Is-Sindku Victor Curmi semma li ma kienx hemmx oġġezzjoni, jinstab post aktar il-ġewwa fejn ma jingħalaqx l-aċċess.

Is-Segretarju Eżekuttiv semmiet li biex isiru l-emendi mitluba, jiġifieri li jinkiteb kull ma qalu l-Kunsilliera kollha fuq dawn il-punti, hija xi ħaġa li se tieħu l-ħin minħabba li jrid jerġa jinstema r-recording kollu u għalhekk il-Minuti ma setgħux jiġi approvati llum. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret li l-laqgħa tal-Kunsill ma tistax tkompli mingħajr

l-approvazzjoni tal-Minuti, pero' jekk hemm qbil unanimu li ssir eċċezzjoni minħabba dawn ir-raġunijiet, l-laqgħa tkompli u jiġu ppreżentati fil-laqgħa li jmiss. Kien hemm qbil li l-laqgħa għandha tkompli u l-Minuti numru 32 jerġgħu jiġu ppreżentati fil-laqgħa li jmiss. Il-Kunsillier Dr. Kevin Cutajar astjena peress li kien assenti fil-laqgħa preċedenti. Is-Segretarju Eżekuttiv issuġġeriet li jinstemgħu l-estratti tar-recordings ta' fejn huma mitlubin l-emendi imma l-membri kollha qalu li ma hemmx għalfejn għaliex huma jafdaw lis-Seg. Eżekuttiv. Madanakollu s-Seg. Eżekuttiv talbet sabiex tippreżenta l-estratt tal-laqgħa sabiex jkun jista jinstema mill-membri kollha peress li għal xi raġuni kien hemm fault fl-online streaming u allura mhux il-laqgħa kollha tista' tinstab video on demand.

B'referenza għal emenda numru 3 – Instemat parti mil-laqgħa fejn kien ġie diskuss dan il-punt. Is-Sindku qal li la hu u ħadd mill-membri ma nstema jgħid li jridha one way lejn naħa jew oħra, pero' finalment kien hemm qbil li ser nippruvaw għal sitt xhur jekk dejjem tiġi approvata minn TM, is-sistema tat-traffic lights, bħal dik ta' Putirjal. Il-Kunsilliera Leanne Micallef semmiet li huma qegħdin jitolbu biex iżidu u mhux inaqqsu mill-Minuti. Is-Sindku Victor Curmi talab li għandu jinkiteb kull ma ntqal mill-Kunsilliera kollha.

B'referenza għal emenda numru 4 – Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsilliera Dr. Muscat li reġgħat semgħat ir-recording u ma tinstemax tgħid dak li qed tintalab f'din l-emenda. Dr. Muscat qalet li kienet f'dubju jekk dan qalitux f'din il-laqgħa jew f'dik preċedenti. Is-Sindku Victor Curmi qal li setgħat tiġbed l-attenzjoni qabel ma ġew approvati l-minuti tal-laqgħa preċedenti. Dr. Muscat talbet għal kopja tal-laqgħa preċedenti għaliex qalet li hemm xi laqgħat li ma humiex online. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li kollha qegħdin video on demand, bl-eċċezzjoni ta' waħda li ma telgħatx minħabba li kien hemm problemi tekniċi u oħra riċenti tal-aħħar laqgħa fejn għal xi raġuni l-istreaming iffriża f'nofs il-laqgħa u allura ma ġietx tinstema. Il-Kuntrattur kien ġie nfurmat dwar din id-diffikulta' biex jiġu evitati problemi simili. Madankollu ma ssib l-ebda problema li tipprovdilha kopja tal-estratti tal-laqgħa relatata.

Skeda ta' pagamenti numru 7 ġew unanimament approvati u għalhekk ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv. Għaldaqstant dawn huma meqjusa bħala dokumenti uffiċċjali.

**33.4 Komunikazzjoni tas-Sindku ta' tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera;**

Is-Sindku Victor Curmi beda b'osservanza tiegħu fil-vesti ta' Sindku. Hu stqarr li jirrispetta li kulħadd jesprimi l-opinjoni tiegħu però ma jistax jibqa sieket meta jinħolqu narrattivi li ma jirriflettux il-fatti ta' kif verament seħħew. Qal li hu qatt ma għażel il-lingwa ta' bullying jew ta' diviżjoni però jagħżel li jmexxi b'onesta, integrita' u rispett lejn kulħadd. Qal li f'aktar minn okkażżjoni waħda meta bħala kunsill inkunu qbilna

f'direzzjoni ċara għal ġid tar-residenti, ftit wara naraw stqarrijiet jew kummenti li jagħtu stampa differenti minn dak li jkun ġie diskuss u maqbul. Kompla jgħid li dan joħloq konfuzzjoni qalb ir-residenti u jxekkel il-ħidma tal-Kunsill. Qal li l-enerġija tiegħu se tibqa ffukata fuq ir-riżultati u mhux fuq il-polemika u għandu responsabbilta' lejn kull Xagħri mingħajr ebda distinzjoni. Ħabbar li jħossu kuntent li rnexxilu jilħaq ftehim ma' Project Green għal valur ta' 2.3 miljun ewro sabiex il-poplu Xagħri u dak ta' ġenerazzjonijiet futuri jkollhom spazji aktar miftuħa u titjieb il-kwalita' tal-ħajja tan-nies. Semma li xorta baqa xi jsir u qatt ma ħarab mir-responsabbiltà' u jemmen li r-residenti jixirqilhom li min ġie elett biex iservihom jaħdem biex isib is-soluzzjonijiet u mhux biex ikabbar il-polemika jew joħloq divizzjoni. Hu qal li l-impenn tiegħu bħala Sindku ma jinbidilx u se jibqa jaħdem bla qeda, b'umilta'iżda b'determinazzjoni biex flimkien nkomplu naħdmu għal Xagħra aħjar. Kompla jgħid li x-Xagħra hija d-dar tagħna u meta verament tħobb taħdem għalih kuljum bil-fatti aktar milli bil-kliem. Żid jgħid li qed jgħid dan mingħajr ebda preġudizzju u minn qalbu għaliex hu dejjem irrispetta lil kulħadd u mexxa b'integrita' u onesta'.

Il-Kunsilliera Dr. Francienne Muscat talbet għad-dritt għal replika, però s-Sindku Victor Curmi wieġeb li għandu dan il-ħin tiegħu u ser ikompli. Il-Kunsillier Dr. Kevin Cutajar qal li dan kien monologu u stat Komunist jagħmel hekk.

*18.06 – Il-Kunsilliera Dr. Francienne Muscat, Dr. Kevin Cutajar u Leanne Micallef qamu u ħarġu mill-kamra.*

Il-laqgħa ġiet sospiża fis-18.06 u ġiet aġġornata għal Ġimgħa, 28ta' Awwissu 2026 fil-17.00pm.

Konfermati illum it-Tnejn, 31 ta' Awwissu 2026.

**Victor Curmi**
**Sindku**

**Heidi Grech**
**Segretarju Eżekuttiv**

'Annex 1'

# Grech Heidi Victoria at Xaghra Local Council

**From:** Francienne Muscat <franciennemuscat@gmail.com>
**Sent:** Wednesday, 22 July 2026 12:42
**To:** Grech Heidi Victoria at Xaghra Local Council
**Cc:** Leanne Micallef
**Subject:** Emendi lil Minuti tal-laqgha 32

CAUTION: This email originated from OUTSIDE the Government Email Infrastructure. DO NOT CLICK LINKS or OPEN attachments unless you recognise the sender and know the content is safe.

Waranofsinhar it-tajjeb,

Nixtiequ nipproponu s-segwenti emendi:

Pagna 2, il-paragrafu li jibda "il-progett tal-playfield" ghandha taqra hekk (biex jizdiedu/jigu emendati il-partijiet bl-ahdar):

Il-Proġett tal-Playingfield u l-applikazzjoni ma Proġett Green waslet biex tiġi konkluża. Jidher li se jkun hemm risposta pożittiva. Għalhekk ġie diskuss il-proġett li għalih ingħatajna l-fondi ta' €85,000 mid-DLG. Is-Sindku ssuġġerixxa li ssir talba lid DLG sabiex il-fondi jimxu għal fuq proġett ta' playingfield u
No1 Belveder fis-Sruġ. Din ġiet diskussa fit-tul.
Il-Kunsilliera Leanne Micallef esprimiet ix-xewqa tagħha li jerga jiġi kkunsidrat playing field fiż-żona tan-Nazzarenu. Hija spjegat kif, fil-bidu tal-leġiżlatura, kienet diġà ddiskutiet l-idea li jsir playing field f'din iż-żona. Madankollu, f'laqgħat preċedenti kien ġie diskuss li s-sit indentifikat fi Triq l-Ghejjun ma serghax jintuza biex isir playing field. Il-Kunsilliera Leanne Micallef talbet jekk kienx possibbli li jiġu kkunsidrati siti alternattivi oħra fiż-żona tan-Nazzarenu. Dr. Francienne Muscat qablet ma' Leanne Micallef dwar il-bzonn kbir li jigi ddentifikat post fin-Nazzarenu sabiex issir bandli.

Madankollu, is-Sindku spjega li, peress li l-proċess kien diġà avvanzat u kien hemm pressjoni ta' żmien, ma kienx possibbli li f'dan l-istadju jiġi kkunsidrat sit ieħor, u ghalhekk intlaħaq qbil unanimu li jsir il-proġett ta' playingfield u Belveder fis-Sruġ. Għalhekk il-Kunsill se jkun qed jitlob lill-Perit tal-Kunsill sabiex jipprepara BOQ għal dan ix-xogħol u għandha tintbgħat it-talba għal tibdil fil-proġett lid-DLG.
Ġiet diskussa wkoll iż-żurzieqa antika li tinsab fil-playingfield. Is-Seg. Eżekuttiv semmiet il-periklu ta' din iż-żurżieqa u kien hemm qbil li din hija xi ħaġa unika u allura għandha teħel tabella – 'Under Parent Supervision, at your own risk.'

Pagna 4, il-paragrafu li jibda "Rimi ta' skart". Fl-ahhar hemm miktub "pero ma kienx hemm qbil dwar
No2 dan". Fil-verita ma gietx mehuda decizjoni, ghax bqajna li se naraw hemmx wisa fejn issir, basta li ma jigix limitat l-access.

Pagna 4, il-paragrafu li jibda "Traffic Management ta' Triq Gorf". Nipproponi li tigi emendata biex taqra hekk:

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li l-Perit tal-Kunsill qed jipproponi li Triq Gorf issir one-way, u li xtaq irid ikun jaf f'liema direzzjoni l-ahjar ssir il-One-way fi Triq Gorf skont il-membri tal-
No3 Kunsill. Is-Sinkdu u l-kunsilliera Francienne u Leanne qallu li tali decizjoni ghandha tigi mehudha mill-istess Perit, bhala espert inkarigat mill-Kunsill wara li jikkunsidra kollox, u ma ghandix tigi mehudha mill-kunsilliera. Kien hemm qbil. F'dan l-istadju, is-Sinkdu Victor Curmi ippropona li nnehhu l-ingenji

l-kbar li dawn ma jghaddux minn hemm, u jsiru l-lights ghal karozzi tal-linja. Dan is-suggerment gie diskuss, u wara li tqajmu diversi punti mill-Kunsilliera Leanne Micallef ghaliex hija tahseb li ghandna nimxu mal-proposta tal-Perit, u ghaliex tali proposta tal-lights ma kienetx se tahdem, u kienet se tikkawza biss dewmien ghar-residenti biex jaghmlu uzu minn din it-triq, b'sapport minn Francienne Muscat, gie deciz li din il-proposta tigi ssuggerita lill-Perit biex jara jekk hix accettabli ghal TM, u li jekk tigi accettata, din kellha tkun biss progett pilota, ghal massimu ta' sitt xhur biex sa dan it-tant naraw jekk il-problema tat-traffiku tibqax hemm, u x'jahsbu dwaru r-residenti.

Pagna 5 – paragrafu li jibda "Talbet ghal update" - Wara l-ewwel sentenza ghandha tizdied din:

Dr. Francienne Muscat, qalet li l-problema fi Triq Marsalforn hija wahda kbira u li qed jaslulha diversi ilmenti mir-residenti. Hija rrimarkat li minkejja li konna gejna nfurmati li t-triq se tinfetah sa Gunju, s'issa t-Triq kienet ghadha mhux miftuha, u ghalhekk kien hemm bzonn li ssir xi haga ghall-immaginjar tat-traffiku min-naha taghna u MGOZ kemm jista jkun malajr.

Grazzi u tislijiet,

--

Francienne Muscat